

Brussell, 27/01/2010  
C12010/46

Għażiż Sur Frendo,

Il-Kummissjoni Ewropea tixtieq tiringrazzja lill-Parlament Malti għall-Opinjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni COM (2009) 338 għal Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar id-dritt tal-interpretazzjoni u t-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali. Il-Kummissjoni Ewropea ħadet nota tal-opinjoni li nġhatat mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Parlament Malti.

Fejn jidħlu d-dubji li esprima l-Kumitat dwar kemm tkun xierqa l-bażi legali tal-proposta, il-Kummissjoni tixtieq tindika li l-Artikolu 31 tat-Trattat tal-UE jipprovdi għall-adozzjoni ta' miżuri li jidher li jkunu meħtieġa *sabiex tittiejeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja* f'materji kriminali. L-għarfien reċiproku, li kien il-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja Ewropea sa mill-Kunsill ta' Tampere fl-1999, jirrekjedi grad għoli ta' fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stati Membri differenti biex ikun jista' jiffunzjona tajjeb. Sabiex tissaħħaħ din il-fiduċja reċiproka, iridu jiġu stabbiliti ċerti livelli komuni minimi fil-livell tal-UE. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jidher li miżuri bħal ma huma dawk li qed jiġu kkunsidrati, peress li huma mfassla biex il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ssir aktar effettiva, jistgħu jiġu stipulati permezz ta' leġiżlazzjoni li jkollha bħala bażi legali l-Artikolu 31 (1) tat-Trattat tal-UE.

Fejn tidħol il-kwistjoni tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa alternattivi differenti fil-Valutazzjoni tal-Impatt li għamlet qabel il-Proposta. B'mod partikolari, tqieset il-possibbiltà li jinżamm l-*istatus quo*, iżda din l-għażla eventwalment twarrbet. Din ma tindirizzax it-tħassib ta' ħafna professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja, u ta' oħrajn involuti madwar l-UE, li d-differenzi li jeżistu bħalissa fil-protezzjoni ta' ċerti drittijiet proċedurali jistgħu jikkompromettu l-fiduċja reċiproka, li tiffirma l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Barra minn dan, ir-regoli tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mhumiex fihom infushom biżżejjed biex jiksbu r-risultat mixtieq, peress li l-Istati Membri mhumiex konformi fl-istess livell fejn tidħol din il-Qorti. B'kuntrast ma' dan, id-Deċiżjoni ta' Qafas li ġejja se tistabilixxi regoli soġġetti għal interpretazzjoni uniformi mill-ġudikatura tal-UE.

Nistenna bil-ħerqa li nkomplu niżviluppaw id-djalogu tagħna ta' politika fil-futur.

Dejjem tiegħek,

  
Margot WALLSTRÖM

Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea

Is-Sur Michael FRENDO  
Chairperson  
Kumitat tal-Affarijiet Barranin u Ewropej  
Parlament ta' Malta